

Brussell, 20 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16995/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0117(NLE)

PECHE 619

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Nota ta' Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)

Wara l-firma fit-30 ta' Ġunju 2023, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar innotifikaw, fil-11 ta' Diċembru 2023 u fit-12 ta' Diċembru 2023 rispettivament, li huma kienu ffinalizzaw il-proċeduri interni tagħhom biex jikkonkludu l-Ftehim u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni.

Għaldaqstant, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar jidħlu fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2023 skont l-Artikolu 17 (1) tal-Ftehim u l-Artikolu 18 (1) tal-Protokoll.